# Stqarrija

## Arja aktar nadifa fil-Mediterran – Tidħol fis-seħħ iż-żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit (SECA)

BirdLife Malta tilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ mil-lum l-1 ta' Mejju 2025, taż-żona ta' kontoll tal-emissjonijiet tal-kubrit (SECA) fil-baħar Mediterran. Dan hu pass importanti lejn arja aktar nadifa fir-reġjun tant mistenni mill-komunitajiet kostali Maltin li jgħixu fiż-żoni tal-port jew qribhom.

**X'inhi SECA?**

SECA tfisser *Sulphur Emission Control Area* jew żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit. Din hija klassifikazzjoni regolatorja li timponi limitazzjonijiet aktar stretti fuq il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwil li jintuża mill-vapuri li joperaw fil-Mediterran. Din il-miżura hija pass importanti fil-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-SECA se tiġi mmonitorjata mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi kostali Mediterranji u l-ksur tar-regoli se jwassal għal penali.

**X'inhu SOx u għaliex huwa ta' ħsara?**

L-ossidi tal-kubrit (SOx), b'mod partikolari d-dijossidu tal-kubrit ($SO_2$), jikkawża irritazzjoni fis-sistema respiratorja – speċjalment waqt attività fiżika – u jistgħu jaggravaw l-ażma u l-kundizzjonijiet tal-qalb f'individwi vulnerabbli bħal tfal u anzjani. $SO_2$ jista' wkoll jirreaġixxi ma' sustanzi oħra fl-arja biex jifforma frak fin (PM2.5) li jidħol fil-fond tal-pulmun u jikkawżaw effetti simili fuq is-saħħa. It-twaqqif tas-SECA fil-Mediterran mistennija tnaqqas l-emissjonijiet ta' SOx bi kważi 80% u dawk ta' PM2.5 b'madwar 25%. Dan għandu jwassal għal benefiċċji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

**Limiti ġodda fuq il-kubrit**

Mill-1 ta' Mejju 2025, il-vapuri li joperaw fis-SECA tal-Mediterran ser ikollhom jużaw fjuwil b'massimu ta' 0.10% kubrit, meta mqabbel mal-limitu attwali ta' 0.50%. Analiżi mill-Organizzazzjoni Marittima

Internazzjonali (IMO) u l-Kummissjoni Ewropea jissuġġerixxu li dan it-tnaqqis għandu jipprevjeni mill-inqas 1,000 mewt bikrija u 2,000 każ ġdid ta' ażma fit-tfal kull sena fir-reġjun tal-Mediterran.

## Il-pożizzjoni u l-importanza ta' Malta

Malta, li għandha l-akbar reġistru tal-vapuri fl-Unjoni Ewropea, hija affettwata b'mod partikolari minn din ir-regolamentazzjoni. B'pożizzjoni strateġika fuq waħda mill-aktar rotot marittimi importanti bejn il-Lvant u l-Punent, il-vapuri li jgħaddu bejn Ġibiltà u l-Kanal ta' Suez jgħaddu qrib Malta, speċjalment mill-Majjistral tal-pajjiż. Id-deċiżjoni dwar is-SECA se taffettwa mijiet minn dawn il-vapuri, li issa jridu jaħarqu fjuwil aktar nadif huma u jbaħħru mill-ibħra Maltin. Dan jinkludi vapuri kummerċjali li jieqfu fil-Port Hieles kif ukoll cruiseliners li jżuru l-Port il-Kbir, u dan jemfasizza aktar ir-rwol tal-gżira bħala ċentru marittimu ewlieni fiċ-ċentru tal-Mediterran.

## Ir-rwol ta' BirdLife Malta u l-pass li jmiss

BirdLife Malta ilha mill-2016 tappoġġja din il-miżura bħala parti mill-inizjattiva *Together Against Air Pollution from Ships*, flimkien mal-imsieħba Ġermaniżi tagħna NABU (BirdLife Germany) u organizzazzjonijiet oħra fil-Mediterran. Din il-kampanja kienet iffukata fuq għarfien u involviment tal-partijiet interessati.

Wara dan is-suċċess, BirdLife Malta u l-imsieħba tagħha issa qed jaħdmu biex jiġu stabbiliti wkoll żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet tan-Nitroġenu (NECA) bħala parti minn inizjattiva ġdida: "*Tackling Emissions from International and Domestic Shipping in Europe*." Din għandha tindirizza l-emissjonijiet ta' NOx, li bħalissa mhumiex koperti fis-SECA tal-Mediterran, għall-kuntrarju tal-Baħar Baltiku u dak tat-Tramuntana.

It-tniġġiż mill-NOx jikkontribwixxi għal tniġġiż fl-arja u jirrappreżenta riskju serju għas-saħħa. Fl-2024 NABU u l-imsieħba tagħhom kejlu n-Nitroġenu fil-portijiet tal-Mediterran u sabu li 24% tal-portijiet (eż. fl-Italja, fi Spanja u fil-Greċja) jaqbżu l-limitu legali annwali tal-UE għad-dijossidu tan-nitroġenu. 97% tal-kejlijiet qabżu l-limiti gwida tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO), b'uħud mill-postijiet jirreġistraw livelli doppji mill-limitu annwali tal-UE.

Dawn is-sejbiet jemfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal regolamentazzjoni aktar stretta fuq l-emissjonijiet ta' $NO_2$ mill-vapuri – sempliċement biex jiġu osservati l-limiti attwali tal-UE. It-twaqqif ta' żona ta' kontroll tal-

emissjonijiet tan-Nitroġenu (NECA) jirrappreżenta pass ċar u neċessarju li għandu jittieħed fil-qrib.

Aqra l-fuljett ta' informazzjoni ta' REMPEC dwar is-SECA hawn.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org